



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

7 ta' Settembru 2017*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 1999/44/KE – Bejgħ u garanziji ta' oġġetti ta' konsum – Kunċett ta' 'kuntratt ta' bejgħ' – Inapplicabbiltà ta' din id-direttiva – Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Fil-Kawża C-247/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht Hannover (qorti reġjonali ta' Hannover, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' April 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' April 2016, fil-proċedura

Heike Schottelius

vs

Falk Seifert

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn M. Berger (Relatur), President tal-Awla, A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Schottelius, minn M. Burger, avukat,
- għal F. Seifert, minn M. Lorenz, avukat,
- għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, J. Möller, u M. Hellmann, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Hödlmayr u D. Roussanov, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 223).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Heike Schottelius u Falk Seifert, fir-rigward tal-ispejjeż allegatament sostnuti minn H. Schottelius sabiex tagħmel tajjeb għal difetti fuq xogħol.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Il-premessi 6, 7 u 10 tad-Direttiva 1999/44 jistabbilixxu:

“(6) Billi d-diffikultajiet ewlenin li jiltaqgħu magħhom il-konsumaturi u s-sors ewlieni ta' argumenti mal-bejgiegħa jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti mal-kuntratt; billi huwa xieraq għal dan il-għan li tiġi approssimata l-leġislazzjoni nazzjonali li tirregola l-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum f'dan ir-rigward, mingħajr, iżda, ma' jaffettwaw id-dispożizzjonijiet u prinċipji tal-liġi nazzjonali relatati ma' responsabbiltà kontrattwali u mhux kontrattwali;

(7) Billi l-oġġetti għandhom, fuq kollox, jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet kontrattwali; billi l-prinċipju ta' konformità mal-kuntratt jista' jkun ikkunsidrat li huwa komuni għat-tradizzjonijiet nazzjonali legali differenti; billi f'ċerti tradizzjonijiet legali nazzjonali jista' ma jkunx possibbli li wiehied jafda biss fuq dan il-prinċipju biex jiżgura livell minimu ta' protezzjoni għall-konsumatur; billi f'dawn it-tradizzjonijiet legali, b'mod partikolari, jistgħu jkun b'żonnjużi dispożizzjonijiet nazzjonali addizzjonali sabiex jiżguraw li l-konsumatur ikun protett f'każijiet fejn il-partijiet ftehm fuq termini speċifiċi kontrattwali jew fejn il-partijiet kkonkludew it-termini kontrattwali jew ftehim li direttament jew indirettament jirrinunzjaw jew jirrestrinġu d-drittijiet tal-konsumatur u li, għall-estent li dawn id-drittijiet jirriżultaw minn din id-Direttiva, ma jorbtux lill-konsumatur;

[...]

(10) Billi, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti mal-kuntratt, il-konsumaturi għandhom ikunu ntitolati li l-oġġetti tagħhom jiġu rrestawrati għall-konformità mal-kuntratt mingħajr ħlaq, billi jagħżlu bejn tiswija u tibdil, jew, jekk dan ma jsirx, li l-prezz jitnaqqas jew il-kuntratt jitħassar”.

- 4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat “Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet”, jiddisponi:

“1. L-għan ta' din id-Direttiva hija l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsumatur u garanziji assoċjati magħhom sabiex tiżgura livell uniformi minimu ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntest tas-suq intern.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

(a) konsumatur: għandu jfisser kull persuna naturali li, fil-kuntratti koperti minn din id-Direttiva, qiegħed jaġixxi għall-għanijiet li m'humiex relatati mas-sengħa, negozju jew professjoni tiegħu;

[...]

(ċ) bejjiegħ: għandu jfisser kull persuna naturali jew legali li, f'kuntratt, ibiegħ oġġetti tal-konsum waqt l-eżerċizzju tas-sengħa, negozju jew professjoni tiegħu;

[...]

4. Il-kuntratti għall-forniment ta' oġġetti tal-konsum li għandhom ikunu manifatturati jew prodotti għandhom jinftehm u wkoll li huma kuntratti ta' bejgħ għall-iskop ta' din id-Direttiva."

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Konformità mal-kuntratt", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 5 tiegħu:

"1. Il-bejjiegħ għandu jwassal sa għand il-konsumatur oġġetti li huma f'konformità mal-kuntratt ta' bejgħ.

[...]

5. Kull nuqqas ta' konformità li jirriżulta minn installazzjoni mhux korretta ta' l-oġġetti ta' konsum għandu jinftehem li hu ekwivalenti għal nuqqas ta' konformità ta' l-oġġetti jekk l-installazzjoni tiffirma parti mill-kuntratt ta' bejgħ ta' l-oġġetti u l-oġġetti kienu installati mill-bejjiegħ jew kien responsabbli għalih hu. Dan għandu jgħodd jekk il-prodott, maħsub li jkun installat mill-konsumatur, ikun installat mill-konsumatur u l-installazzjoni ħażina hija minħabba nuqqas fl-istruzzjonijiet ta' l-installazzjoni."

6 Skont l-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Drittijiet tal-konsumatur":

"1. Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli għall-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti meta l-oġġetti kienu furnuti.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, l-konsumatur għandu jkun intitolat li l-oġġetti jinġiebu f'konformità mingħajr ħlaq permezz ta' tiswija jew tibdil, f'konformità mal-paragrafu 3, jew li jkollu tnaqqis xieraq fil-prezz jew il-kuntratt jitħassar rigward dawn l-oġġetti, f'konformità mal-paragrafi 5 u 6.

3. Fil-bidu, il-konsumatur jista' jeħtieġ lill-bejjiegħ li jsewwi l-oġġetti jew jista' jeħtieġ lill-bejjiegħ li jibdilhom, f'kull każ mingħajr ħlaq, jekk kemm-il darba dan huwa impossibbli jew disproporzjonat.

[...]

Kull tiswija jew tibdil għandha titlesta fi żmien raġjonevoli u mingħajr ebda inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur, b'konsiderazzjoni mogħtija lin-natura ta' l-oġġetti u l-għan li għalihom il-konsumatur hteghom.

[...]

5. Il-konsumatur jista' jinħtieġ tnaqqis xieraq tal-prezz jew li jitħassar il-kuntratt:

– jekk il-konsumatur m'huwiex intitolat la għat-tiswija u lanqas għal tibdil,

jew

– jekk il-bejjiegħ ma jkunx lesta r-rimedju fi żmien raġjonevoli,

jew

– jekk il-bejjiegħ ma jkunx lest r-rimedju mingħajr inkonvenjent sinifikattiv lill-konsumatur.”

Id-dritt Ġermaniż

- 7 Id-Direttiva 1999/44 ġiet trasposta fid-dritt Ġermaniż, fil-kuntest tar-riforma tal-Bürgerliches Gesetzbuch (kodiċi ċivili, iktar 'il quddiem il-“BGB”), permezz tal-Gesetz zur Modernisierung des Schuldrechts (liġi ta' mmodernizzar tad-dritt fuq l-obbligazzjonijiet) tas-26 ta' Novembru 2001 (BGBl. 2001 I, p. 3138), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2002.
- 8 L-Artikolu 280 tal-BGB, intitolat “Danni għall-ksur ta' obbligu kuntrattwali”, jiddisponi:
- “1. Jekk id-debitur jikser obbligu kuntrattwali, il-kreditur jista' jitlob kumpens għad-dannu li jirriżulta minn dan. [...]
- [...]
3. Il-kreditur jista' biss jitlob kumpens minflok l-eżekuzzjoni tal-obbligu fil-kundizzjoni supplimentari msemmija fl-Artikoli 281, 282 jew 283.”
- 9 L-Artikolu 281 tal-BGB, intitolat “Kumpens minflok l-eżekuzzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu”, jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:
- “Jekk id-debitur ma jeżegwixxi obbligu eżiġibbli jew jekk jeżegwixxi dan b'mod mhux konformi, il-kreditur jista' jitlob kumpens minflok l-eżekuzzjoni, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 280(1), jekk ikun iffissa, mingħajr suċċess, fil-konfront tad-debitur, terminu raġonevoli għall-eżekuzzjoni jew għat-tiswija. [...]”
- 10 Skont l-Artikolu 323 tal-BGB, intitolat “Hall tal-kuntratt minħabba f'eżekuzzjoni mhux konformi jew nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu”:
- “1. Jekk id-debitur ma jeżegwixxi jew jekk jeżegwixxi b'mod mhux konformi obbligu eżiġibbli li jirriżulta minn kuntratt sinallagmatiku, il-kreditur jista' jħoll il-kuntratt, jekk ikun iffissa, mingħajr suċċess, fil-konfront tad-debitur, terminu raġonevoli għall-eżekuzzjoni jew għat-tiswija.
- [...]”
- 11 L-Artikoli 634, 636 u 637 tal-BGB jinsabu fis-subtitolu 1 tat-titolu 9 tat-taqsim 8 tal-ktieb 2 ta' dan, li huwa intitolat “Kuntratt ta' impriża”.
- 12 L-Artikolu 634 tal-BGB, intitolat “Drittijiet tal-iżviluppatur tal-proġett fil-każ ta' nuqqas”, jipprevedi:
- “Jekk ix-xogħol huwa difettuż, l-iżviluppatur tal-proġett jista', meta jkunu ssodisfatti r-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet li ġejjin u sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor,
- [...]
2. jaġġmel tajjeb huwa stess għal dan in-nuqqas u jeżiġi r-rimbors tal-ispejjeż neċessarji konformement mal-Artikolu 637,
3. jħoll il-kuntratt konformement mal-Artikoli 636, 323 u 326(5) [...] u
4. jitlob kumpens konformement mal-Artikoli 636, 280, 281, 283 u 311a [...]”

- 13 L-Artikolu 637 tal-BGB, intitolat “Eżekuzzjoni mill-iżviluppatur tal-proġett”, jistabbilixxi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“L-iżviluppatur tal-proġett jista', fil-każ ta' nuqqas fix-xogħol wara l-iskadenza tat-terminu raġonevoli ffissat minnu għat-tiswija, huwa stess jagħmel tajjeb għad-difett u jeżiġi r-rimbors tal-ispejjeż neċessarji, sakemm din it-tiswija ma tkunx għustament miċħuda mill-imprenditur.”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

- 14 Ir-raġel ta' H. Schottelius inkariga lil F. Seifert, imprenditur, bit-tiġdid tal-pixxina li tinsab fil-ġnien tal-koppja. L-aċċettazzjoni tax-xogħol seħħ matul is-sena 2011, bil-ħlas tal-ammont dovut għal dan.
- 15 Jirriżulta mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, minn naħa, l-art li fuqha kienet mibnija din il-pixxina tappartjeni lil H. Schottelius, u għalhekk hija kienet is-sid, u li, min-naħa l-oħra, permezz ta' kuntratt tat-3 u tal-4 ta' Novembru 2011, żewġha taha d-drittijiet ta' garanzija li huwa kellu fir-rigward tal-imprenditur. Madankollu, ma huwiex ċar minn dan il-proċess li F. Seifert kien oriġinarjament biegħ din il-pixxina lil H. Schottelius u r-raġel tagħha.
- 16 Mat-tlestija tax-xogħol ta' tiġdid ta' din l-istess pixxina, deheru numru ta' difetti, li setgħu biss jiġu osservati matul l-użu ta' dan il-proġett. Dawn id-difetti, b'mod partikolari, kienu jeffettwaw is-sistema tat-tindif u l-pompa. H. Schottelius u r-raġel tagħha talbu lil F. Seifert sabiex jagħmel tajjeb għal dawn id-difetti. Peress li dan tal-aħħar ma weġibx għal din it-talba, H. Schottelius tat bidu għal proċedura awtonoma għal għbir ta' provi fir-rigward ta' dawn id-difetti.
- 17 Skont l-atti tal-proċess li tiddisponi minnhom il-Qorti tal-Ġustizzja, espert ikkonstata, fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-eżistenza ta' difetti serji u n-nuqqas ta' konformità, mill-imprenditur, mal-istandards normali tal-kostruzzjoni. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet ta' tiswija tal-proġett fl-aħħar nett saru mir-raġel ta' H. Schottelius, bl-għajjnuna ta' ħabib. Sabiex setgħat jagħmel dan, il-persuna kkonċernata kellha tixtri l-materjal neċessarju.
- 18 Sussegwentement, ir-rikorrenti fetħet kawża fil-konfront ta' F. Seifert għall-ħlas tal-ispejjeż relatati ma' dawn it-tiswijiet.
- 19 Il-Landgericht Hannover (qorti reġjonali ta' Hannover, il-Ġermanja) ikkunsidrat li, bħala prinċipju, din il-kawża ma kellhiex tintlaq' peress li r-regoli nazzjonali kollha li setgħu jkunu applikabbli f'dan il-każ jeħtieġu li l-konsumatur jiffissa espressament terminu supplimentari sabiex l-imprenditur ikun jista' jagħmel tajjeb għad-difetti, sakemm l-iffissar ta' tali terminu huwa wieħed superfluwu, ħaġa li l-fatti u l-provi prodotti fil-kuntest tal-kawża prinċipali ma jippermettux li jiġi kkonstatat. Issa, dan it-terminu kien ġie ffissat fil-ħin mhux minn H. Schottelius, detentriċi tad-drittijiet ta' garanzija, iżda biss minn żewġha, u dan permezz ta' ittra ta' avukat tas-16 ta' Novembru 2011. Barra minn hekk, l-intimazzjoni effettwata mir-raġel tal-persuna kkonċernata, bħala terz, peress li huwa kien assenja d-drittijiet tiegħu ta' garanzija lil din tal-aħħar, ma huwiex validu taħt id-dritt Ġermaniż. Skont H. Schottelius, F. Seifert, fi kwalunkwe każ, kien ingħata terminu suffiċjenti sabiex jagħmel tajjeb għad-difetti inkwistjoni.
- 20 Min-naħa l-oħra, skont il-qorti tar-rinviju, iċ-ċaħda tar-rikors li hija kienet adita biha ma tkunx neċessarja jekk, konformement mat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 1999/44, moqri flimkien, b'mod partikolari, mal-premessi 7 u 10 ta' dan tal-aħħar, u kuntrarjament għal dak li huwa previst mid-dritt Ġermaniż, jirriżulta mill-prinċipju ta' konformità mas-servizz fil-kuntratt li l-iffissar, mill-konsumatur, ta' terminu għall-eliminazzjoni tad-difetti ma jikkostitwixxix kundizzjoni sabiex tkun tista' tinvoka drittijiet ta' garanzija sekondarji li jirriżultaw minn dawn id-difetti.

- 21 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Landgericht Hannover (qorti reġionali ta' Hannover) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

“Mit-tieni inċiż tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 1999/44/KE [...] jista' jiġi dedott prinċipju tad-dritt Ewropew tal-konsum li permezz tiegħu, fil-kuntratti kollha relatati ma' oġġetti ta' konsum konklużi bejn konsumaturi u persuni li ma għandhomx l-istatus ta' konsumatur, huwa biżżejjed, sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet għal garanzija sekondarji, li l-persuna li ma għandhiex l-istatus ta' konsumatur, li hija marbuta bl-obbligu ta' garanzija, ma tkunx tat kumpens f'terminu raġonevoli, mingħajr ma jkun neċessarju l-iffissar espress ta' terminu għall-eliminazzjoni tad-difett, u li permezz tiegħu id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali f'dan ir-rigward għandhom ukoll jiġu interpretati f'dan is-sens, pereżempju fil-każ ta' kuntratt ta' xogħol dwar oġġetti ta' konsum u, għaldaqstant jiġu suġġetti, skont il-każ, għal applikazzjoni restrittiva?”

Fuq id-domanda preliminari

- 22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 1999/44 għandux jiġi interpretat fis-sens li, konformement ma' prinċipju ta' dritt tal-Unjoni f'termini ta' protezzjoni tal-konsumaturi, sabiex konsumatur li jkun ikkonkluda ma' bejjiegħ kuntratt dwar oġġett ta' konsum ikun jista' jasserixxi d-drittijiet tiegħu ta' garanzija sekondarji, huwiex biżżejjed li l-bejjiegħ ma jkunx ipprova kumpens għad-danni fi żmien raġonevoli, mingħajr ma l-iffissar ta' terminu mill-konsumatur għall-eliminazzjoni tad-difett ma huwa neċessarju.
- 23 Il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea qajjmu eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni f'din il-kawża. Skont dan il-gvern u din l-istituzzjoni, id-Direttiva 1999/44 ma hijiex applikabbli għall-kawża prinċipali sa fejn, b'mod partikolari, il-kuntratt ikkonċernat ma huwiex “kuntratt ta' bejgħ” fis-sens tad-direttiva, iżda “kuntratt ta' impraża”. Madankollu, dan l-aħħar tip ta' kuntratt ma huwiex irregolat minn din id-direttiva.
- 24 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett jeħtieġ li jiġi rrilevat li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tiġi adita mill-qorti nazzjonali sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-3 ta' Lulju 2014, Tudoran, C-92/14, EU:C:2014:2051, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2014, Szabó, C-204/14, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2220, punt 16).
- 25 Jirriżulta wkoll minn ġurisprudenza stabbilita sewwa li l-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li huma effettivament applikabbli fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Annibaldi, C-309/96, EU:C:1997:631, punt 13, u tas-7 ta' Lulju 2011, Agafiței *et*, C-310/10, EU:C:2011:467, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll id-digriet tal-14 ta' April 2016, Târșia, C-328/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:273, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 26 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lit-tieni inċiż tal-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 1999/44. Għalhekk, hija titlaq mill-premessa li din id-direttiva tapplika għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 27 It-tieni nett, jidher mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mid-deċizzjoni tar-rinviju, li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxi, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli, “kuntratt ta' impraża”.

- 28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Qorti tal-Ġustizzja hijiex kompetenti sabiex tirrispondi d-domanda magħmula, għandu jiġi eżaminat jekk id-Direttiva 1999/44 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tapplika għal kuntratt ta' impriża, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiż għat-tiġdid ta' pixxina minn imprenditur.
- 29 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 1999/44, minkejja li ma tiddefinixxi il-kunċett ta' "kuntratt ta' bejgħ", tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal dan tal-aħħar.
- 30 Fil-fatt, jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva li l-għan ta' din hija l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-"bejgħ" u tal-garanziji ta' oġġetti ta' konsum. Barra minn hekk, jirriżulta wkoll minn din id-direttiva, b'mod partikolari mill-Artikolu 1(2) tagħha, li jiddefinixxi, b'mod partikolari l-kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "bejjiegħ", li din tapplika biss għall-bejgħ konkluż bejn bejjiegħ professjonali u xerrej konsumatur.
- 31 Fit-tieni lok, għandu jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li, sa fejn dispożizzjoni ta' dan id-dritt ma tagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri fir-rigward ta' kunċett partikolari, dan il-kunċett għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha, li għandha tiġi stabbilita fid-dawl tal-kuntest tad-dispożizzjoni u tal-għan tal-leġislazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2016, Wathelet (C-149/15, EU:C:2016:840, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Issa, jekk it-test tad-Direttiva 1999/44 ma jagħti l-ebda definizzjoni tat-terminu "kuntratt ta' bejgħ", huwa lanqas ma jagħmel riferiment għal-liġijiet nazzjonali għal dak li jikkonċerna t-tifsira li għandha tingħata lil dan it-terminu. Għaldaqstant, minn dan jirriżulta li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-direttiva, dan għandu jitqies bħala li jirreferi għal kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011, Brüstle, C-34/10, EU:C:2011:669, punt 26).
- 33 Sabiex jiġi ddeterminat, fit-tielet lok, jekk kuntratt ta' impriża, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jinvolvi l-provvista ta' servizzi, jistax jitqies bħala "kuntratt ta' bejgħ" fis-sens ta' din id-direttiva, għandu jiġi kkonstatat li din tal-aħħar tiddetermina espressament il-kuntratti, li jinvolvu l-provvista ta' servizzi, li jistgħu jitqiesu bħala bejgħ.
- 34 Fil-fatt, jirriżulta kemm mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/44 kif ukoll mill-kuntest ta' din li l-kunċett ta' "bejgħ" jestendi biss għal ċerti kuntratti li jistgħu jaqgħu taħt klassifikazzjonijiet oħra skont il-leġislazzjonijiet nazzjonali, jiġifieri dawk tal-kuntratti ta' servizz jew ta' impriża.
- 35 Għalhekk, minn naħa, konformement mal-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva "[l]-kuntratti għall-forniment ta' oġġetti tal-konsum li għandhom ikunu manifatturati jew prodotti għandhom jinftehimu wkoll li huma kuntratti ta' bejgħ". Għaldaqstant, il-kuntratt intiż għall-bejgħ ta' oġġett li l-ewwel nett irid ikun immanifatturat jew prodott mill-bejjiegħ, jirrileva mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.
- 36 Barra minn hekk, l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 1999/44 iqis in-nuqqas ta' konformità li tirriżulta minn installazzjoni mhux korretta tal-oġġett ta' konsum bħala nuqqas ta' konformità ta' dan l-oġġett peress li, b'mod partikolari, l-installazzjoni tagħmel parti mill-kuntratt ta' bejgħ ta' dan l-oġġett. Għalhekk, is-servizz ta' installazzjoni tal-oġġett, peress li huwa marbut mal-bejgħ, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.
- 37 Jirriżulta minn dak li ntqal iktar 'il fuq, minn naħa, li d-Direttiva 1999/44 tapplika mhux biss esklużivament għall-kuntratti ta' bejgħ *stricto sensu*, iżda wkoll għal ċerti kategoriji ta' kuntratti li jinvolvu provvista ta' servizzi, li, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli, jistgħu jiġu

kklassifikati bħala kuntratti ta' servizz jew ta' impriża, jiġifieri kuntratti għall-provvista ta' oġġetti ta' konsum li għandhom jiġu mmanifatturati jew prodotti kif ukoll il-kuntratti li jipprevedu għall-installazzjoni ta' tali oġġetti marbuta mal-bejgħ.

- 38 Min-naħa l-oħra, sabiex dawn il-kategoriji ta' kuntratti, li jinvolvu provvista ta' servizzi, jistgħu jiġu kkklassifikati bħala "kuntratt ta' bejgħ" fis-sens ta' din id-direttiva, il-provvista ta' servizzi għandha tkun biss anċillari għall-bejgħ.
- 39 Fir-raba' lok, tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kuntratt ta' bejgħ" fis-sens tad-Direttiva 1999/44 hija kkorroborata mix-xogħol preparatorju għal din id-direttiva kif ukoll mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kuntratti ta' bejgħ internazzjonali ta' merkanzija, iffirmit fi Vjenna fil-11 ta' April 1980, li fuqha din id-direttiva hija bbażata.
- 40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li jirriżulta mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bejgħ u garanziji ta' oġġetti ta' konsum [COM(95) 520 finali], ippreżentata mill-Kummissjoni fit-23 ta' Awwissu 1996 (ĠU 1996, C 307, p. 8) li "l-kumplessità u [d]-diversità tal-provvisti ta' servizzi ma tistax tiġi sempliċement estiża għas-servizz tar-regoli applikabbli għall-bejgħ ta' oġġetti." Għalhekk, minħabba fil-karatteristiċi speċjali tagħhom, bħala prinċipju, is-servizzi ma għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/44.
- 41 L-assimilazzjoni espliċita ta' ċerti kategoriji ta' kuntratti, li jinvolvu kemm bejgħ kif ukoll provvista ta' servizzi, hekk kif imsemmi fil-punti 35 u 36 ta' din is-sentenza, huwa spjegat, b'mod partikolari, mir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni, sabiex, fl-ewwel lok, jittrattaw id-diffikultà għall-konsumatur li jiddistingwi bejn dawn iż-żewġ servizzi pprovduti mill-professionist u, fit-tieni lok, jiżguraw, konformement mal-premessa 1 tad-Direttiva 1999/44, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.
- 42 Fil-fatt, il-proposta ta' direttiva msemija fil-punt 40 ta' din is-sentenza tippreċiża, għal dan il-għan, li l-installazzjoni ta' oġġetti relatati mal-bejgħ għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva peress li, minn naħa, hemm id-diffikultà, fil-prattika, li ssir distinzjoni bejn il-provvista ta' servizzi, li tikkonsisti fl-installazzjoni tal-oġġetti, fil-bejgħ tagħhom, u min-naħa l-oħra, hemm in-neċessità li l-konsumatur jiġi protett bl-istess mod.
- 43 Għal dak li jirrigwarda l-assimilazzjoni mal-kuntratt ta' bejgħ tal-kuntratti ta' provvista ta' oġġetti ta' konsum li għandhom jiġu mmanifatturati jew prodotti, imsemmija fl-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 1999/44, dan kien ġie introdott sa mill-ewwel qari tal-proposta għal direttiva mill-Parlament, fid-dawl tal-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti msemija fil-punt 39 ta' din is-sentenza, sabiex b'mod partikolari jirriflettu, id-diffikultà fil-klassifikazzjoni ta' dawn il-kuntratti, li tinvolvi kemm l-obbligu li tagħmel, fil-kuntratti ta' impriża u ta' servizzi, u l-obbligu li tipprovdi oġġett, li hija l-karatteristika tal-kuntratt ta' bejgħ.
- 44 F'dan il-każ, jirriżulta mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li H. Schottelius u żewġha talbu lil F. Seifert, imprenditur, sabiex iġedded il-pixxina tagħhom. Għal dan il-għan, huma ffirmaw kuntratt ta' impriża ma' dan tal-aħħar. Fil-kuntest ta' dan il-kuntratt, l-imprenditur beghilhom oġġetti differenti li kienu neċessarji għat-tiġdid ta' din il-pixxina, bħal, b'mod partikolari, sistema ta' filtrazzjoni mġhamra b'pompa. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-provvista ta' servizzi li tikkonsisti fl-installazzjoni ta' dawn l-oġġetti tikkostitwixxi l-għan prinċipali ta' dan il-kuntratt ta' impriża u li l-bejgħ ta' dawn huwa biss aċċessorju fir-rigward ta' din il-provvista ta' servizzi.
- 45 Barra minn hekk, fid-dawl tal-elementi tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-kuntratt ta' impriża lanqas jista' jkun ikkwilifikat bħala kuntratt ta' "provvista ta' oġġetti ta' konsum li għandhom jiġu mmanifatturati jew prodotti", fis-sens tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 1999/44, peress li l-oġġetti neċessarji għat-tiġdid tal-pixxina kkonċernata la għandhom ikunu mmanifatturati u lanqas prodotti mill-imprenditur.

- 46 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li kuntratt ta' impriża, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jikkostitwixxi "kuntratt ta' bejgħ" fis-sens tad-Direttiva 1999/44 u konsegwentement ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.
- 47 Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 25 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mil-Landgericht Hannover (qorti reġjonali ta' Hannover).

Fuq l-ispejjeż

- 48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex il-kompetenza sabiex tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mil-Landgericht Hannover (qorti reġjonali ta' Hannover, il-Ġermanja), permezz tad-deċiżjoni tat-22 ta' April 2016.

Firem